**Stivala Ruth**

---

**From:** Ivan Scicluna O.Carm. <ivanscicluna77@gmail.com>
**Sent:** 24 February 2025 11:51
**To:** Mifsud Wendy Jo
**Cc:** Catholic Cultural Heritage Commission; Provincial O Carm
**Subject:** Re: Installazzjoni ta' air conditioner f'waħda mill-kmamar tal-kunvent ta' Santa Venera
**Attachments:** Faccata ta' wara tal-kunvent 1a.JPG; Faccata ta' wara tal-kunvent 2a.JPG; Faccata ta' wara tal-kunvent 3a.JPG; Bejt u opra morta tal-kunvent a.JPG; Turretta a.JPG

Għażiża Wendy,

Insellimlek u nixtieqlek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.

Ma' din l-email qed nehmeż ir-ritratti tal-faċċata fejn se jkun hemm il-pajp bir-ram tal-air conditioner, kif ukoll tal-bejt u l-opra morta fejn se jitqiegħed hemm l-outdoor unit. Vleġġa ħamra turi liema hi l-kamra fejn se jitqiegħed l-apparat tal-air conditioner u fejn se jkun l-outdoor unit.

Sadanittant żviluppat problema oħra. Travu tal-injam f'waħda miċ-ċelel tal-patrijiet rabba l-moffa, u propju fuq dan it-travu, fuq il-bejt, hemm wieħed mit-tankijiet tal-ilma tal-kunvent. Il-periti tagħna qalulna li t-tank qatt ma kien imissu tqiegħed fuq travu tal-injam, u speċjalment issa li t-travu ddgħajjef minħabba li xxarrab u mmoffa, dan it-tank irid jiċċaqlaq u jitqiegħed f'post aktar sigur għall-istruttura tal-kunvent u għalina li jgħixu fih.

Il-post li indikawlna l-periti tagħna fejn għandhom jitqiegħdu t-tankijiet huwa l-bejt tat-turretta tal-garigor tal-bejt. Qalulna nagħmlu travi tal-azzar minn ħajt sa ħajt tat-turetta, u nqiegħdu t-tankijiet fuqhom. Sħabi l-patrijiet talbuni wkoll nagħmel għata pulita għat-tankijiet biex ikunu protetti mix-xema minħabba li fis-sajf l-ilma jinżel jaħraq. Il-periti tagħna qalulna li m'hemmx problema ta' estetika rigward dan. Ma' din l-email qiegħed nehmeż ritratt tat-turretta tal-bejt li fuqha nixtiequ nqiegħdu t-tankijiet. It-turretta mmarkata bi velġġa ħamra.

Il-Provinċjal tagħna huwa infurmat fuq il-bżonn li jsir dan ix-xogħol tat-tankjiet. Għaldaqstant qed nitolbu ġentilment il-permess tal-KPKK biex inkunu nistgħu nagħmlu dan ix-xogħol.

Grazzi ħafna tal-konsiderazzjoni u tislijiet.
P. Ivan

*P. Ivan Scicluna O.Carm.*

On Mon, 24 Feb 2025 at 06:23, Mifsud Wendy Jo <wendyjo.mifsud@maltadiocese.org> wrote:

> Għażiż Patri Ivan,
> Ritratti li fuqhom ikun indikat fejn se jsir l-intervent mal-faċċata għandhom ikunu biżżejjed. Dan biex naraw hiex se tintmess xi faċċata storika, u x' passi għandhom jittieħdu jekk hu l-każ.
>
> Tislijiet,
> Wendy

**Dr Perit Wendy Jo Mifsud**
**President**
**Catholic Cultural Heritage Commission (KPKK)**
**Mob:** +356 99166203
**Email:** wendyjo.mifsud@maltadiocese.org
**Website:** cchc.church.mt

---

**From:** Ivan Scicluna O.Carm. <ivanscicluna77@gmail.com>
**Sent:** Friday, February 21, 2025 9:08 PM
**To:** Catholic Cultural Heritage Commission <kpkk@maltadiocese.org>
**Cc:** Provincial O Carm <provincjal@karmelitani.org>
**Subject:** Re: Installazzjoni ta’ air conditioner f’waħda mill-kmamar tal-kunvent ta’ Santa Venera

Għażiż Ms Stivala,

Nista' nibgħatilkom ritratti ta' fejn se jkun il-kondensatur. Jekk barra r-ritratti hemm bżonn ngħaddilkom xi dettalji oħra, jimporta tindikawli liema huma jekk jogħġobkom?

Grazzi u tislijiet,
*P. Ivan Scicluna O.Carm.*

On Fri, 21 Feb 2025 at 13:18, Catholic Cultural Heritage Commission <kpkk@maltadiocese.org> wrote:

> Għażiż Rev. Dr. Charles Mallia O.Carm,
>
> B’ referenza għal-din it-talba, tista tibgħatilna aktar dettalji u ritratti dwar fejn se jkun lokalizzat il-kondensatur tal-arja kondizzjonata sabiex nifhmu jekk xi tessut storiku jew xi faċċata sensittiva se jiġu affettwati waqt ix-xogħlijiet.
>
> Tislijiet,
>
> Ruth Stivala
>
> B.A.(Hons)(Melit.),M.A.(Melit.)
>
> **Tel** +356 25906 510
>
> obo
>
> **Rev. Dr André Zaffarese**
>
> **Secretary**
>
> **Catholic Cultural Heritage Commission (KPKK)**

ARCHDIOCESE OF MALTA

Kindly read our legal disclaimer here .

---

**From:** Catholic Cultural Heritage Commission
**Sent:** 21 February 2025 10:24
**To:** 'provincjal@karmelitani.org' <provincjal@karmelitani.org>
**Cc:** Scicluna Ivan Patri <ivanscicluna77@gmail.com>
**Subject:** Installazzjoni ta’ air conditioner f’waħda mill-kmamar tal-kunvent ta’ Santa Venera

Għażiż Rev. Dr. Charles Mallia O.Carm,

Ħadna nota ta’ l-email tiegħek.

Tislijiet,

Ruth Stivala

B.A.(Hons)(Melit.),M.A.(Melit.)

**Tel** +356 25906 510

obo

**Rev. Dr André Zaffarese**

**Secretary**

**Catholic Cultural Heritage Commission (KPKK)**

ARCHDIOCESE OF MALTA

Kindly read our legal disclaimer here .

**From:** provincjal@karmelitani.org <provincjal@karmelitani.org>
**Sent:** 20 February 2025 19:42
**To:** Zaffarese Andre Rev <andre.zaffarese@maltadiocese.org>; Catholic Cultural Heritage Commission <kpkk@maltadiocese.org>
**Cc:** Scicluna Ivan Patri <ivanscicluna77@gmail.com>
**Subject:** Permess KPKK

Għażiż Rev. Dun Andre,

Qed nippreżenta talba tal-komunità Karmelitana ta' Santa Venera lill-KPKK. It-talba tirrigwarda li nstalazjoni ta' air conditioner f'waħda mill-kmamar tal-kunvent ta' Santa Venera, Misraħ santa Venera. Din il-kamra se tkun okkupta minn wieħed mill-Karmelitani li ġie assenjat għal kunvent ta' Santa Venera, Misraħ santa Venera.

Tislijiet.

Fr Charles

Rev. Dr. Charles Mallia O.Carm.

Pirjol Provincjali

Kunvent tal-Karmnu

Triq Il-Punent

Valletta VLT 1535
Malta

Mob. +356 7925 2965

Email: charles.mallia@maltadiocese.org

Email: provincjal@karmelitani.org

Kindly read our legal disclaimer here .

Kindly read our legal disclaimer here .